A.L. 269 ta' l-2007

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Trasparenza fir-Relazzjonijiet Finanzjarji bejn l-Istat u Entitajiet Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Trasparenza fir-Relazzjonijiet Finanzjarji bejn l-Istat u Entitajiet Pubbliċi u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2005 dwar it-Trasparenza fir-Relazzjonijiet Finanzjarji bejn l-Istat u Entitajiet Pubbliċi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 45 ta' l-2005.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "id-Direttiva" minflok il-kliem "u bid-Direttiva 2000/52/KEE tas-26 ta' Lulju, 2000" għandhom jidħlu l-kliem ", bid-Direttiva 2000/52/KEE tas-26 ta' Lulju, 2000 u bid-Direttiva 2005/81/KE tat-28 ta' Novembru, 2005".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem minn "u li tirċievi għajnuna mill-Istat" sal-kliem "sostenn jew kumpens" għandhom jidħlu l-kliem "u li tirċievi kumpens għas-servizz pubbliku taħt forma jew oħra".